# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru : 18/2015/JPG**
**Kawza Numru : 3**

**Anthony Seychell**

**VS**

**(1)Kummissarju tal-Pulizija u okkorendo**
**(2) Avukat Generali**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta'Anthony Seychell tal-11 ta' Frar 2015 li jaqra hekk:

*"Illi r-rikorrent kien instab hati mill-Qorti Kriminali ta' koltivazzjoni u pussess tal-pjanta cannabis u, apparti li nghata piena ta' tnax-il sena habs, huwa gie kkundannat ihallas multa ta' Euro 25,000, u giet ordnata wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti marbuta mar-reat u tal-proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, bi flus ta' provenjenza illecita.*

*Illi r-rikorrent ipprezenta kawza civili fl-ismijiet "Anthony Seychell vs. Kummissarju tal-Pulizija" (Citazzjoni Numru 329/2009) ai termini ta' l-artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u talab ir-rilaxx a bazi tal-provvedimenti tal-ligi li jawtorizzaw ir-rilaxx ta' proprjeta' li ma jkunux provenjenti minn profitti jew dhul illecitu. Dawn il-hames kategoriji huma:*

*(a) Savings Account mal-HSBC Bank Malta plc;*
*(b) entry partikolari ta' Lm1,000 fl-istess kont;*
*(c) oggetti zghar tad-deheb;*
*(d) Lm660 fi flus kontanti li kienu fid-dar'*
*(e) diversi vetturi nofshom zarmati.*

*Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha irrilaxxjat il-kategoriji (a), (c) u (e), u minn din il-parti tas-sentenza appella l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront biss tal-partita inkluza fil-kategorija (a). Dwar l-ordni tar-rilaxx tal-oggetti zghar tad-deheb (kategorija (c)) u tal-vetturi (kategorija (e)) ma tressaq ebda appell. Billi l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghar-rilaxx tal-oggetti indikati fil-kategoriji (b) u (d), kontra dik il-parti tas-sentenza tressaq appell mir-rikorrent.*

*Illi b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Lulju 2014, gie deciz hekk:*

> *"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Anthony Seychell billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti billi tikkonferma l-istess, b'dan li thassarha fejn ordnat ir-rilaxx tal-flus fil-kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc indikat f'dawn il-proceduri, (kategorija (a)) u minflok tichad it-talba tal-attur fiI-konfront ta' dawn id-depoziti u tikkonferma l-ordni ta' konfiska fi l-konfront tal-istess.*
>
> *L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in Prim Istanza,jithallsu mill-attur Anthony Seychell appellant."*

*Illi ghall-finijiet ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali, huwa necessarju li jigu riprodotti partijiet mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Lulju 2014, u dan peress li r-rikorrent jillanja illi r-ragunament ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell (u mutatis mutandis dak tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili) jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif ukoll id-dritt fundamentali tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' tieghu.*

*Illi f'pagna 8 tas-sentenza taghha, l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet hekk:*

> *"Trattat l-ewwel appell tal-konvenut, dan ressaq punt interessanti dwar il-materja. Hu jghid li ghalkemm il-flus fil-kont mal-HSBC Bank Malta plc gejjin "minn sorsi leciti", dawn l-istess flus ghandhom jitqiesu "tainted' b' illecita' peress illi jirrizulta li l-appellant ma kienx qed jaghmel uzu minn dawn il-flus peress illi kien qed jghix minn introjtu iehor diehel minn sorsi illeciti. Jirrizulta li l-appellant kien impjegat. bhala labourer mal-Ministeru tal-Kultura u l-paga tieghu kienet titpogga b'mod awtomatiku fl-imsemmi kont li ghandu mal-bank imsemmi. Il-konvenut jargumenta illi ghalkemm mhux kontestat li l-flus gejjin minn: sorsi leciti, li kieku l-appellant ma kellux introjtu iehor illecitu, hu ma kienx ikun f'posizzjoni li d-depoziti bankarji provenjenti mix-xoghol tieghu ihallihom hemm minghajr ma jutilizzahom biex jghix. Il-flus fil-kont bankarju gew akkwistati ghalhekk, qed jigi sottomess, b'mod <u>indirett</u> minn agir illecitu, u dan fit-termini tal-Artikolu 22C (1) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

*Illi minn din is-silta, jirrizulta car illi l-Kummissarju tal-Pulizija u d-difensur tieghu l-Avukat Generali ma kkontestawx il-fatt li "l-flus gejjin minn sorsi leciti"; anzi, huma jghidu li l-paga governattiva tar-rikorrent "kienet titpogga b'mod awtomatiku fl-imsemmi kont li ghandu mal-bank imsemmi". ll-punctum juris espost mill-Kummissarju tal-Pulizija johrog car mill-bran ta' hawn fuq, u jikkonsisti, jghid hu, fil-holqien ta' prezunzjoni, li dwarha nitkellmu iktar 'il quddiem.*

*Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell giet attratta minn dan l-argument mibni fuq prezunzjoni, jew ahjar, assunzjoni -*

*"Din il-Qorti qieset sew dan l-argument u tara li tista' taqbel mieghu."*[1]

*Illi sfortunatament, l-Onorabbli Qorti tal-Appell giet attratta minn argument li huwa mibni fuq premessa minghajr ebda bazi ta' prova, u cioe' li r-rikorrent kien qed jghix minn introjtu iehor diehel minn sorsi illeciti. Il-Qorti ma rrealizzatx illi z-zewg reati li taghhom instab hati (kultivazzjoni u pussess aggravat) ma ggenerawx profitti stante li r-rikorrent inqabad fil-fatt. Jekk, min-naha l-ohra, il-Qorti riedet tghid illi r-rikorrent wettaq reati ohra ta' din ix-xorta fil-passat, dan ma setax jigi prezunt izda kellu jigi ppruvat. Ghalhekk, l-argument huwa mibni fuq premessa minghajr ebda bazi ta' prova, u l-ebda qorti ma setghet tasserixxi li hu kien qed jghix minn introjtu iehor diehel minn sorsi illeciti minghajr l-ezistenza ta' tali prova. F'din is-sentenza, id-dinjamika korretta tad-Dritt Kriminali u tad-Dritt tal-Procedurali Kriminali hija nieqsa.*

*Aktar'1 isfel, fl-istess sentenza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell sa waslet biex tassumi "li l-appellant kien qieghed imantni lilu nnifsu bi flus ohrajn li ma kienux parti mid-depozitu bankarju tieghu…"*[2] *Addirittura, jinghad li r-rikorrent "imantni lilu nnifsu". Mhux importanti li tali prova ma tezistix u ma ngabitx.*

*Aghar minn hekk, il-Qorti tal-Appell stess irrimarkat li ghandha <u>biss dubju</u> u "wiehed ghandu ragun jiddubita fuq minn fejn giet din is-somma ta' Lm660".*[3]

*Bis-sahha ta' dan l-argument, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghaddiet biex tissanzjona t-tehid ta' proprjeta' privata, jigifieri flus provenjenti minn sorsi leciti, il-frott tal-hidma lecita tar-rikorrent, b'garanzija solida illi paga governattiva biss tista' toffri li l-flus m'humiex gejjin minn attivita' kriminali. Bis-sahha ta' dan l-argument, l-Onorabbli Qorti tal-Appell issigillat principju gdid ghall-gurisprudenza nostrali li permezz tieghu "flus gejjin minn sorsi leciti" jitqiesu flus gejjin minn attivita' kriminali!*

*Illi l-Onorabbli Qorti ghaddiet, imbaghad, biex taghmel assunzjoni li bl-ebda mod m'hi sorretta mill -provi, anzi, l-provi juru stampa differenti :*

1 *Pagna 9 tas-sentenza*
2 *Pagna 10 tas-sentenza*
3 *Pagna 11 tas-sentenza*

> *"Il-vantagg li jrid jiehu l-appellanti mis-sors lecitu ta' dawn il-flus, huwa vantagg marbut mal-attivita' illecita tieghu. Jirrizulta mill-provi illi l-appellant kien ilu, tlett xhur ma jigbed flus mill-bank qabel l-arrest tieghu, li jfisser li hu kien qed jghix minn flus kontanti li taghhom ma giet pprezentata l-ebda provenjenza lecita. Fi kliem iehor, dawn il-flus ghadhom hemm ghax l-appellant inqeda bi flus ta' natura illecita."*[4]

*Illi r-rikorrent mhux darba jew tnejn izda matul l-iter kollu, baqa' jikkontesta li huwa qatt ghamel centezmu wiehed qliegh mill-koltivazzjoni, pussess jew traffikar tad-droga. Izda ghalkemm huwa stieden lill-kontroparti ggib prova ta' generazzjoni ta' qliegh mill-Koltivazzjoni jew tmexxija tad-droga, il-kontroparti qatt u qatt ma ressqet tali prova. Matul il-process kriminali kontra tieghu, huwa ressaq bhala xhud lill-Manager tal-Bank fejn kellu l-kont tieghu u dan intalab jispjega kull item imnizzel bhala 'dhul' fil-kont. Nonostante cio',huwa xorta nstab hati tar-reat ta' pussess aggravat, minkejja l-assenza assoluta ta' tali prova.*

*Hemmhekk saret l-ewwel irregolarita' serja. Izda issa qed titwettaq it-tieni irregolarita' xejn inqas serja, it-tehid ta' fondi leciti appartenenti lilu bis-sewwa, bis-sahha biss ta' assunzjoni u minghajr ma tressqet tali prova li huwa tant ilu jishaq li kellha tingieb, jigifieri, il-pussess ta' flus illeciti provenjenti minn reat.*

*Illi l-bran appena citat mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, bir-rispett kollu jaqleb ta' taht fuq ir-realta' processwali. Liema qorti tista' tassumi minghajr ma tingieb l-ebda prova "li hu kien qed jghix minn flus kontanti li taghhom ma giet ipprezentata l-ebda provenjenza lecita"? Persuna jkollha Lm660 id-dar, cioe' somma migbuda minn kont bi flejjes assolutament leciti (migbuda 3 xhur qabel), u l-Qorti tal-Appell tghid li "hu kien qed jghix minn flus kontanti li taghhom ma giet ipprezentata l-ebda provenjenza lecita." Gie rrimarkat mill-Qorti tal-Appell illi "kien ilu tlett xhur ma jigbed flus mill-bank qabel l-arrest tieghu", meta l-flus kontanti li kellu d-dar hu kien gibidhom minn kont b'fondi leciti. Xi prova superjuri kellu jgib ir-rikorrent biex juri l-provenjenza lecita? Eppure, ittehdulu flus generati bil-hidma tieghu stess u provenjenti mill-Payroll tal-Ministeru tal-Kultura, fuq l-iskorta ta' konkluzjoni kompletament*

4 *Pagna 9 tas-sentenza*

*zbaljata li ma kien ipprezenta l-ebda provenjenza lecita fir-rigward tal-flus kontanti, cioe' Lm660!*

*Illi l-kwistjoni tal-konfiska u l-kwistjoni tal-provenjenza huma zewg punti li jridu jigu decizi a bazi ta' principji appartenenti lill-isfera kriminali, u mhux a bazi ta' principji li jirrigwardaw patrimonji civili u l-'actio de in rem verso'. Huwa perikoluz li jigu adottati tixbihat mill-kamp civili ghall-kamp kriminali, jekk mhux ghal hag'ohra, ghaliex il-grad ta' prova huwa differenti. B'danakollu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghazlet li tadotta tixbiha mis-sentenza "**Grech vs. Gauci**" tal-5 ta' April 1954, f sede civili fi grad ta' appell. L-appllkazzjoni ta' dina s-sentenza ghall-kaz odjern ma tinkwadrax tajjeb, stante li r-raziocinju jinjora kompletament il-kontestazzjom tal-'assunzjoni' abbraccjata mill-Avukat Generali (b'detriment ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja) u l-linja difensjonali tar-rikorrent illi hu qatt m'ghamel l-ebda qliegh mid-droga - prova li qatt ma ngiebet mill-prosekuzzjoni.*

*Illi l-konkluzjoni li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell tistrieh fuq semplici 'assunzjoni':*

> *"Anke f dan il-kaz, il-patrimonju tal-appellant fl-imsemmi bank baqa' ma tnaqqasx,rizultat dirett tad-dhul li kellu mill-attivita' illecita', u la hu hekk, dan il-"vantagg" ghandu, zgur indirettament, provenjenza illecita u l-appellant ma ghandux jithalla jgawdi mill-istess. L-appellant kellu l-possibilita' li ma jmiss xejn mill-flus li kienu qeghdin jidhlu fil-kont bankarju bhala paga, izda dan il-"vantagg" sehh proprju ghaliex kellu fondi li seta' jghix bihom u li provi ta' provenjenza lecita taghhom ma ngabux."*[5]

*Illi ladarba l-Onorabbli Qorti tal-Appell persistentement qalet li huwa kien qed jghix mid-"dhul li kellu mill-attivita'illecita" u li "kellu fondi li seta' jghix bihom u li provi ta' provenjenza lecita taghhom ma ngabux", huwa inevitabbli li r-rikorrent jikkuntrasta dawn iz-zewg asserzjonijiet assolutament minghajr bazi,li m'humiex sorretti minn ebda provi: Qabel ma Qorti ddikjarat f'sentenza li kellu dhul mill-attivita' illecita, hija kellha qabel xejn tindika fejn huma l-provi li jiffurmaw il-bazi tal-konkluzjoni. It-tieni, qabel*

5 *Pagna 10 tas-sentenza*

*ma Qorti tiddikjara li r-rikorrent ma gabx provi dwar provenzjenza lecita, trid l-ewwel tindika hi liema prova turi li dawk is-Lm660 ma nhargux mill-kont 'nadif . Li l-Qorti tal-Appell, f'sentenza daqstant importanti, tghid li l-kont bankarju fih "sorsi leciti", izzid tghid Ii l-ahhar li gibed minnu kien 3 xhur qabel, imbaghad tghid li s-Lm660 fi flus kontanti li kellu d-dar "provi ta' provenjenza lecita taghhom ma ngabux" hu, bl-ikbar rispett, antiguridiku u xejn inqas minn kontradizzjoni lampanti.*

*Illi r-rikorrent, li ma kellux chequebook, gibed diversi ammonti ta' EUR100 mill-kont bankarju tieghu, u fil-perijodu ta' 9 xhur bejn il-15 ta' Settembru 2003 u t-28 ta' Frar 2004 huwa kien gibed EUR2,400. Allura s-somma ta' EUR660 li kellu fid-dar meta gie arrestat kienet perfettament lecita. Bir-rispett kollu, il-konkluzjonijiet fi hwejjeg importanti bhal dawn m'ghandhomx jinbnew fuq kongetturi.*

*Illi bl-"istess argument li ghadu kemm intuza aktar qabel", l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat it-tehid ta'somma ta' Lm1000 li kellu fil-kont bankarju tieghu, imhallsa lilu minn Frank Galea (ara x-xiehda ta' dan Frank Galea u r-ritratt esibit)*[6] *biex jixtri l-injam u jahdimlu kitchen cupboards, u kwindi ssir l-istess'assunzjoni' minghajr l-icken prova:*

> *"Din is-somma jista' kellha provenjenza lecita, pero', tista' titqies bhala profitt indirett mir-reati li taghhom instab hati, stante li l-appellant kien qieghed imantni lilu nnifsu bi flus ohrajn li ma kienux parti mid-depozitu bankarju tieghu, kif jidher mir-rendikont bankarju li juri l-hrug li sar u meta sar mill-imsemmi kont."*[7]

---

6

*" Jigi notat illi l-affidavit ta' Karen Galea u r-ritratt gew prezentati biex jikkorroboraw prova li r-rikorrent kien gia' ressaq, u cioe' ix-xiehda ta' Frank Galea, li jidher li l-Qorti ta' l-Appell lanqas innotatha. stante li rrimarkat hekk (pagna 11): "l-appellant qieghed, b'din il-prova, jipprova jikkorrobora prova li, fil-fehma tieghu, kien diga' ghamel, u jekk dik il-prova tirrizulta mankanti, ma jistax issa, appellant, jipprova'Jibni" fuqha bi prova gdida." Dan il-bran juri, bir-rispett kollu, nuqqas ta'verifika u nuqqas ta' ezatni tal-process, stante li Frank Galea kien xehed fil-guri! Terga id-digriet li bih gie sfilzat ir-ritratt li juri l-kcina mahduma mir-rikorrent gie moghti minn gudikant li gie rikuzat ghaliex kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Generali meta nhareg l-Att ta' Akkuza kontra r-rikorrent!*

7

*Pagna 10 tas-sentenza*

*Illi f'dan il-paragrafu jiddahhal punt gdid, u cioe' l-hekk imsejjah "profitt indirett mir-reati li taghhom instab hati". Biex inkiteb dan, bilfors li kien hemm xi zball. Sakemm xi bniedem b'mohhu hafif ma xtarax ix-xtieli ta' fuq il-bejt qabel ma lahqu ghamlu z-zmien taghhom (i.e.xtara l-hut fil-bahar), dawk ix-xtieli li kien hemm fuq il-bejt gew elevati mill-Pulizija u distrutti, u kwindi ma rrendew l-ebda qliegh. Dak kien l-ewwel reat: il-koltivazzjoni. It- tieni reat kien il-pussess aggravat.. Anke dwar dan ir-reat, il-provi juru li ma seta' iggenerat l-ebda qliegh. Ergo, wiehed ma jistax jghid bis-serjeta' "profitt indirett mir-reati li taghhom instab hati", ghar-raguni semplici u limpida li l-provi juru li z-zewg reati ma kienu ggeneraw l-ebda qliegh!*

*Illi r-rikorrent, minkejja li pproduca prova inkontrovertibbli li l-flus li kellu kienu fondi leciti (kif ammess mill-intimat u rikonoxxut mill-Qorti), xorta wahda gie meqjus li ma gab l-ebda prova ta' provenjenza lecita.*

*Illi dan kollu premess jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 6 (L-Ewwel Skedata'Kap 319) kif ukoll id-dritt fundamentali tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' tieghu (Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319).*

*Illi n-nuqqas ta' rimedju ossija redress jikkosistitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319).*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha (l) taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijet fondamentali tar-rikorrenti proprio et nomine, (2) tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet "Anthony Seychell vs. Kummissarju tal-Pulizija" (Citazzjoni numru 329/2009) ir-rikorrent ma kellux smiegh xieraq, stante li s-sentenza moghtija fl-1 ta'Lulju 2014 tilledi d-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 Kap 319), u konsegwentement tiddikjara s-sentenza precitata invalida u nulla, (3) tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' tieghu (Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Kap 319), (4) tiddikjara li huwa sofra vjolazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt ghal rimedju effettiv, u (4) tordna l-hlas ta' kumpens xieraq."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu 2015 (a fol. 10 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament, ladarba l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq il-fatt li l-Qorti tal-Appell fil-proceduri* ***Anthony Seychell vs. Kummissarju tal-Pulizija (Rik. 329/2009)*** *interpretat b'mod zbaljat il-provi processwali, allura r-rikorrent messu nqeda bir-rimedju ta' ritrattrazzjoni kif imsemmi fl-****artikolu 811 (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*** *u mhux bir-rimedju kostituzzjonali/konvenzjonali. Kopja tas-sentenza attakkata qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala* ***Dok.AG1****;*

   *Fis-sewwa ma huwiex l-iskop ta' proceduri kostituzzjonali li jiehdu post dawk ordinarji. Appuntu f'dan il-kaz, jekk ir-rikorrent qieghed isostni li mill-provi prodotti fil-kawza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma setghetx ragonevolment tikkonkludi li l-kont tat-tfaddil tieghi mizmum mal-HSBC Bank Malta plc kien gej minn sorsi illeciti, allura huwa facilment seta' jidentifika liema kien l-izball ta' fatt imwettaq mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u fuqu jibni l-kaz tieghu ghar-ritrattazzjoni tal-kawza ;*

   *Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti qeghdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat konvenzjonali taghha skont il-proviso tal-****artikolu 4 (2)tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta****;*

2. *Illi minghajr hsara ghall-premess, anke jekk ir-rikorrent qed jallega li l-Onorabbli Qorti tal-Appell zbaljat fis-sentenza taghha (haga li l-esponenti ma jaqblux maghha), huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssewwi "zbalji" tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta'*

*xi jedd fundamentali u mhux biex tistharreg jekk il-qrati ordinarji ddecidewx b'mod tajjeb it-tilwima li kellhom quddiemhom;*

*F'dan il-kaz huwa car anke bil-mod kif gie mfassal ir-rikors konvenzjonali, li r-rikorrent qieghed jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex hija tidhol fil-mertu fattwali tal-kaz li gie maqtugh mill-Qorti tal-Appell. Tabilhaqq ir-rikorrent mkien ma fisser b'liema mod gie mkasbar lilu l-jedd ta' smigh xieraq. Kulma ghamel ir-rikorrent huwa li kkontesta r-ragunijiet li wasslu lill-Onorabbli Qorti tal-Appell biex iddikjarat li l-flus imfaddla fil-kont bankarju kienu mnissla minn attivitajiet kriminali. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill- iskrutinju konvenzjonali ;*

3. *Illi multo magis mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti hija ksur ta' jedd fondamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazina tal-fatti jaghti jedd illi l-meritu jkun ezaminat mill-gdid fid-dawl tal-ligijiet li jharsu l-jeddijiet fondamentali. Kif spiss jinghad f'dawn l-okkazjonijiet, qorti moghnija b'setghat kostituzzjonali mghandhiex tigi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilhaqq proceduri konvenzjonali taht il-* ***Kap 319 tal-Ligijiet ta'Malta*** *mhumiex mahsuba biex iservu ta' appell minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat, u dan specjalment meta si tratta ta' allegata vjolazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**. Propriju f'dan il-kaz ir-rikorrent qieghed jipprova jittravesti l-ilment tieghu bil-libsa konvenzjonali meta dan ma huwa xejn ghajr appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Qorti tal-Appell. Ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mil-lenti konvenzjonali;*

4. *Illi dejjem bla pregudizzju ghal dak li nghad aktar kmieni safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** dwar il-jedd ta' smigh xieraq, l-intimati jsostnu li l-proceduri civili li issa qed jigu attakkati ma kienu mtappna mill-ebda sura ta' vjolazzjoni. Partikolarment jigi enfasizzat: (i) li l-proceduri kollha nzammu u gew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (ii) li huwa kellu access miftuh ghall-qorti; (iii) li ma kienx hemm xi dewmien ingustifikat jew eccessiv waqt is-smigh tal-kawza meta wiehed iqis li l-kawza bl-appell kollox inqatghet f'hames snin; (iv) li s-smigh kollu gie kondott fil-prezenza tieghu; (v) li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kellu l-ebda vantagg*

*procedurali fuq ir-rikorrent bi ksur tal-principju tal-equality of arms; (vi) li r-rikorrent nghata l-opportunita' kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel; (vii) li huwa kien meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri u (viii) li huwa gie moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazjoni tal-kaz tieghu;*

5. *Illi f'kull kaz l-argument tar-rikorrent li l-Onorabbli Qorti tal-Appell imxiet fuq prezunzjonijiet u mhux fuq provi konkreti huwa ghal kollox fallaci. Apparti li dan l-argument imur li l'hinn mill-istharrig konvenzjonali tas-smigh xieraq, ir-rikorrent donnu qieghed jinsa li ladarba huwa nstab hati ta' reati marbuta mal-pussess tad-droga f'cirkostanzi li juru li d-droga ma kinitx mahsuba ghall-uzu personali, tant li l-Qorti Kriminali ordnat il-konfiska ta' gidu miksuba direttament jew indirettament b'mod illecitu, allura kien jaqa' fuqu li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex jitwemmen li l-flejjes fil-kont tat-tfaddil li gew milquta mill-konfiska ma gewx imfaddla minhabba dhul li huwa ghamel min-negozju tad-droga;*

6. *Illi f'dan il-kwadru r-rikorrent ghalxejn jilmenta li huwa ma kellux jinstab hati tar-reat ta' pussess aggravat ghaliex din il-kwistjoni llum hija maghluqa bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Seychell'** maqtugha b'mod definittiv fit-12 ta' Marzu 2009. Kopja tas-sentenza kriminali qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala **Dok. AG2**. Ta' min izid jghid ukoll li r-rikorrenti kien prova jhassar din is-sentenza bil-ftuh ta' proceduri kostituzzjonali ohrajn bin-numru ta' riferenza 64/2010 fl-ismijiet **Anthony Seychell vs. Onorevoli Prim Ministru et**, pero t-talbiet tieghu gew respinti mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza moghtija fid-9 ta' Dicembru 2013, li kopja taghha qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. **AG3**. Ghalhekk mhux miftuh ghar-rikorrenti li jerga jiftah mill-gdid il-kwistjoni dwar is-sejbien tal-htija tieghu peress li dan il-kapitlu jinsab maghluq kemm mill-aspett ordinarju bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-12 ta' Marzu 2009, kif ukoll mill-aspett kostituzjonali bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' nhar id-9 ta' Dicembru 2013;*

7. *Illi hekk ukoll ir-rikorrent ma jistax isib wens fl-argument li huwa dejjem xehed fil-proceduri civili li qatt ma ghamel qligh mid-droga ghaliex id-dikjarazzjoni unilaterali tieghu ma hijiex bizzejjed biex twaqqa' l-konfiska ladarba minn konsiderazzjonijiet fattwali ohra mressqa fl-istess atti tal-kawza intwera li huwa faddal il-flus fil-bank ghaliex kien qieghed jaghmel uzu minn flejjes miksuba b'mod illecitu;*

8. *Illi l-osservazzjoni tal-Qorti tal-Appell li r-rikorrent faddal il-flus fil-kont bankarju ghaliex kien qed jinqeda bi flus ta' natura illecita hija wahda gusta u sobrija. Tassew jekk id-dhul tar-rikorrent kien biss is-salarju li kien jigi depozitat f'dan il-kont bankarju u ghal tliet xhur shah qabel l-arrest tieghu r-rikorrent lanqas gibed centezmu wiehed minn dan il-kont, allura huwa logiku ghal wiehed jirraguna li r-rikorrent kellu sors ta' dhul iehor. Ir-rikorrent ma setax jghix ghal tlitt xhur minghajr ma jigbed xejn mill-kont;*

   *Taht dan il-profil, ir-rikorrent jinsinwa fir-rikors kostituzzjonali li huwa ma gibidx flus f'dan il-perijodu ghaliex kellu flus id-dar. Kwistjoni bhal din ir-rikorrent kellu jqajjimha fil-proceduri ordinarji u mhux quddiem din is-sede. Ghal darbohra ta' min ifakkar li l-oneru tal-prova kien fuqu, b'dana li jekk ma rnexxilux jikkonvinci lill-Qorti tal-Appell dwar is-sors lecitu tal-flus, allura ma hemm xejn x'jista' jaghmel ir-rikorrent bis-sahha ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali;*

9. *Illi r-rikorrent jghid ukoll li huwa ma setax igarrab konfiska tal-kont bankarju ghaliex ir-reati li nstab hati taghhom qatt ma ggenerawlu l-ebda qligh. Meta qed jaghmel din l-affermazzjoni, ir-rikorrent donnu qed jinsa li huwa nstab hati li kellu fil-pussess tieghu d-droga biex ibieghha lill-haddiehor u li l-Qorti Kriminali ordnat il-konfiska ta' dak kollu li r-rikorrent seta' kiseb direttament jew indirettament fis-sehem tieghu tal-kultivazloni tad-droga. Kien ghalhekk li huwa ried jipprova li l-flus li kellu mfaddlin fil-bank ma gewx generati minhabba l-attivitajiet kriminali tieghu. F'dan il-kaz ir-rikorrent ma weriex ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tal-Appell li dawk il-flus kienu nodfa u ghalhekk il-Qorti tal-Appell ma laqghetx it-talba tieghu biex dawn il-flejjes jigu mehlusa mill-morsa tal-konfiska;*

*Ghaldaqstant l-ilment tar-rikorrent kif impost fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 ta!-Kostituzzjoni** ghandu jigi michud;*

10. *Illl bla hsara ghall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq l-Ewwel Artikolu tal-**Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, jissokta jinghad li dan l-artikolu ma jiggarantix it-tgawdija tal-proprjeta' b'mod assolut. Kemm hu hekk skont il-proviso ta' dan l-istess artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta skont l-interess generali. Propriju f'dan il-kaz huwa assolutament fl-interess tas-socjeta'li jigi zgurat li proprjeta' mnissla minn attivita' kriminali, li hija ta' detriment kbir ghas-socjeta tigi konfiskata f'kaz ta' sejbien ta' htija;*

*Ghaldaqstant ladarba l-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-konfiska ta' gid ir-rikorrent allura r-rikorrent ma jistax jilmenta b'success li gie mkasbar lilu l-jedd tat-tgawdija ta' hwejgu ;*

11. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak kollu li ntqal qabel, fl-ahharnett ir-rikorrent lanqas ma huwa siewi meta jargumenta li huwa ma kellux rimedju effettiv taht il-ligi domestika bi ksur tal-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** biex jittutela d-drittijiet tieghu. lmbilli l-Qorti tal-Appell ma tatux ragun fl-ilment tieghu ma jfissix b'daqshekk li huwa ma kellux rimedju effettiv taht il-ligi domestika. lr-rimedju effettiv ma jitkejjilx fuq jekk il-kawza tintrebah jew tintitlef. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jargumenta li ma kellux rimedju effettiv ghaliex huwa ma nghatax ragun fis-sottomissjonijiet tieghu;*

*Il-ligi taht id-dispozizjonijiet tal-**Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta** kienet taghti l-opportunita' shiha lir-rikorrent biex fuq il-provi migjuba minnu jwaqqa' l-konfiska. Issa jekk ir-rikorrent ma rnexxilux jikkonvinci lill-Qorti tal-Appell dwar in-nisel genwin ta' flusu ma jistax huwa jirreklama li ma kellux rimedju effettiv. Wara kollox rimedju ma jitlifx l-effettivita tieghu ghaliex fil-proceduri ma jasalx ghar-rizultat mixtieq;*

> *Dak li jiswa huwa li wiehed jara jekk bl-azzjoni civili li ressaq quddiem il-qrati ordinarji huwa setax iwaqqa' l-konfiska. Kif rajna li kieku r-rikorrent issodisfa lill-Qorti tal-Appell huwa seta' jikseb dan ir-rizultat. Madankollu ladarba dan mghamlux ma jistax issa jigi jghid li ma kellux rimedju effettiv. Allahares jigi interpretat li kull min tilef kawza jigi miksur lilu l-jedd dwar ir-rimedju effettiv.*
>
> *Fuq kollox imbaghad kif fuq imfisser, jekk ir-rikorrent ried jikkontesta d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell huwa seta jaghmel dan bil-mezz tar-ritrattazzjoni;*
>
> *Jigi b'hekk li anke dan l-ilment mhuwiex misthoqq u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu."*

Rat l-atti annessi tal-kawza civili, Citazzjoni Numru 329/2009 RCP fl-ismijiet Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizija;

Rat in-nota t'Osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali tal-11 t'Awwissu 2015 (a fol. 84 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tezamina l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' ezawriment tar-rimendji ordinarji. Illi peress li l-intimati ressqu eccezzjoni ta' natura preliminari, fejn stiednu lil Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat konvenzjonali taghha skont il-proviso tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ser tghaddi sabiex l-ewwel nett titratta din l-eccezzjoni.

Il-proviso tal-Artikolu 4(2) jipprovdi s-segwenti:

> ***'Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.'***

Skont l-intimati, r-rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu rimedju ordinarju, u cioe li jintavola proceduri ta' ritrattazzjoni, galadarba r-rikorrent qieghed jallega li l-Qorti tal-Appell wettqet zball ta' fatt. In sostenn tal-argument taghhom jiccitaw sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **St. Paul's Court Limited vs L-Onorevoli Prim' Ministru et** deciza **fl-20 ta' Dicembru 2000.** Minn naha tieghu, ir-rikorrent ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet dwar dan il-punt.

Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha fuq il-pretest li seta` kien hemm rimedji ordinarji

> ***" … ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz."***[8]

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza **"Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent"** il-Qorti Kostituzzjonali qalet :-

> *Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li*

---

8 **David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku, Qorti Kostituzzjonali** (14 ta' Mejju 2004).

> *jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli.*

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-procedura ta' ritrattazzjoni ma tistax titqies bhala rimedju ordinarju. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell Civili stess kienet irrilevat illi ir-rimedju konsentit minn dan l-istitut huwa ta' natura straordinarja.[9]

In oltre skond l-insenjament tal-Qorti ta' Strasbourg, '...*an application for retrial or similar extraordinary remedies cannot, as a general rule, be taken into account for the purposes of applying Article 35 § 1 of the Convention*.'[10] Ghalhekk, skont l-insenjament tal-Qorti ta' Strasbourg, ir-rikorrent kien biss obligat li jistitwixxi proceduri ta' ritrattazzjoni, qua rimedju straordinarju, f'cirkostanzi partikolari,[11] li ghandhom jigu ezaminati kaz b'kaz. Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tikkunsidra jekk, minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ir-rikorrent kienx obbligat li jistitwixxi l-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni.

Fil-kaz de quo, l-ilment principali tar-rikorrent jidher illi hu li l-Qorti tal-Appell kienet allegazzjoni zbaljata meta sabet illi huwa ma kienx gab provi bizzejjed sabiex juri l-provenjenza lecita tal-flus li kellu. Skont l-intimati, l-Artikolu 811 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta joffri rimedju ghal-ilment tar-rikorrent. Ghalkemm l-intimati ma jindikawx taht liema wiehed mill-kapijiet tal-Artikolu 811 (1) ir-rikorrent seta' jibbaza t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni, il-Qorti tqis illi, mehud in konsiderazzjoni dak premess mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu, u dak sottomess mill-avukat difensur tieghu fit-trattazzjoni finali, is-sub inciz (l) huwa dak applikabbli fil-kaz de quo.

L-artikolu 811 (1) (l)tal-Kapitolu 12 jipprovdi hekk:-

---

9 **Dr. Paul Mallia nomine vs Vincenza xebba Camilleri**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) (2 ta' Lulju 1975**); Supermarkets (1960) Limited vs Mario Cachia** (7 ta' Lulju 2003).

10 F'dan is-sens vide inter alia, ***R. v. Denmark***, no. 10326/83, Commission decision of 6 September 1983, Decisions and Reports (DR) 35, p. 218; ***Prystavska v. Ukraine*** (dec.), no. 21287/02, 17 December 2002; and ***Denisov v. Russia*** (dec.), no. 33408/03, 6 May 2004); **Galstyan v. Armenia**, ECHR 26986/03 (15 ta' Novembru 2007).

11 Vide per ezempju, Final Decision as to the Admissibility of Application number 26323/95 by **Esa Kiiskinen and Mikko Kovalainen v. Finland,** ECHR (1 June 1999) pg. 8.

*Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

***jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.***

***Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.***

Kif jidher mit-tieni paragrafu tas-subinciz (l), ir-rikorrent seta' jistitwixxi proceduri ta' ritrattazzjoni **biss** jekk il-fatt li jikkostitwixxi zball ma kienx punt ikkontestat illi kien gie deciz bis-sentenza impunjata. Isegwi allura illi a kuntrarju ta' dak sottomess mill-intimati, ir-rikorrent ma kellu ebda cans li jkollu ezitu favorevoli minn proceduri ta' ritrattazzjoni, peress illi l-fatt li allegatament jikkostitwixxi l-izball, u cioe l-provenjenza illecita tal-fondi tar-rikorrent, kien proprju r-raguni ghaliex ir-rikorrent intavola l-proceduri gudizzjarji in kwistjoni, u allura huwa zgur illi dak l-istess fatt kien punt ikkontestat li gie deciz bis-sentenza impjunata.

Il-Kummissjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani kellha l-okazzjoni li titratta sitwazzjoni simili fil-kawza **X v. Switzerland**. Il-Kummissjoni kienet sabet illi '*...the applicant's petition for a retrial was not an effective remedy under the generally recognised rules of international law* [ghaliex] *...the applicant had no valid ground on which to request a retrial.*'[12]

12 **X v. Switzerland**, Decision on the Admissibility of the Application, ECHR 8850/80 (7 October 1980).

Konsegwentement, il-procedura ta' ritrattazzjoni mhux biss hija rimedju straordinarju, izda wkoll hija rimedju li ma jistax jitqies accessibli w effettiv tenut kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

In vista ta' dan, il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma kienx obbligat li jintavola proceduri ta' ritrattazzjoni sabiex ikun intitolat li jipproponi dawn il-proceduri ta' indoli kostituzzjonali. Ghaldaqstant l-eccezzjoni preliminari tal-intimat qed tigi michuda, u l-Qorti ser tghaddi biex tqis l-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrent qieghed jilmenta illi huwa garrab lezjoni tad-dritt tieghu ta' smiegh xieraq, peress illi, skont huwa, il-Qorti tal-Appell kienet zbaljata meta sabet illi ma kienx gab provi bizzejjed rigward il-provenjenza lecita tal-fondi tieghu.

Il-Qorti hawnhekk tenfasizza illi dan m'huwiex appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tezamina l-process sabiex tara jekk il-Qorti tal-Appell ghamlitx valutazzjoni korretta tal-provi prodotti fil-mori tal-kawza.[13]

Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta, u kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sulivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**:-

> ***'Illi l-kwestjoni dwar il-limiti tas-sindakabilita' tal-qrati ta' indoli kostituzzjonali fuq l-imġiba ta' qrati oħrajn f'ilmenti dwar nuqqas ta' smiegħ xieraq m'hijiex waħda ġdida u jeżistu prinċipji stabiliti msawrin ukoll mill-prattika u deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ewlenija fosthom hemm ir-regola li kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali m'humiex miżmuma milli jiddeċiedu, meta jkun il-każ, li xi Qorti oħra tkun mixlija li kisret xi wieħed mill-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, imqar jekk dik il-Qorti l-oħra tkun il-Qorti Kostituzzjonali stess;***

13 **Andrew Ellul Sullivan u Charles sice Carmelo Ellul Sulivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali** – Qorti Kostituzzjonali, Appell Civili numru. 10/2003/2 (31 Ottubru 2008) pg. 39.

> ***Illi din is-setgħa wiesgħa hija, madankollu, limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom.'*** [14]

Gie ritenut ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **J.E.M. Investments Limited vs L-Avukat Generali** illi::-

> **'(...)*id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smiegh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.'*** [15]

L-awturi Jacobs u White isostnu illi:-

> ***The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the***

---

14 **Andrew Ellul Sullivan u Charles sice Carmelo Ellul Sulivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali** – Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Citazzjoni numru. 10/2003/1 (8 Lulju 2004), ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2008, u citata b'approvazzjoni fis-sentenza **John Tanti vs L-Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali**, Appell Civili numru 21/2013 (6 Frar 2015) pg. 5.

15 **J.E.M. Investments Limited vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali** Appell Civili numru 17/2008 (30 Settembru 2011) pg. 7.

> ***sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. (…)***
>
> ***The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6.***[16]

Il-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex li tezamina zbalji ta' dritt jew ta' fatt li allegatament ikunu gew kommessi mill-qrati ordinarji, sakemm dawn l-izbalji ma jkunux kisru id-drittijiet u libertajiet garantiti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.[17] Dak li huwa l-kompitu ta' din il-Qorti taht l-Artikolu 6 huwa li tezamina jekk il-qrati ordinarji ma segwewx il-garanziji procedurali elenakati fl-istess artikolu, jew jekk il-proceduri, kkonsidrati fl-intier taghhom, ma ggarantewx lir-rikorrent smiegh xieraq.[18]

Bhala regola generali, din il-Qorti hija prekluza milli tissindika il-kostatazzonijiet u konkluzjonijiet tal-qrati ordinarji fir-rigward ta':-

- **L-apprezzament tal-fatti tal-kawza;**
- **L-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi ordinarja;**
- **L-ammissibilita u apprezzament tal-provi prodotti fil-kawza;**
- **Kwistjonijiet ta' 'substantive fairness' fir-rizultat ta' kawzi civili;**
- **Il-htija jew innocenza ta' akkuzat fi proceduri kriminali.**[19]

L-unika eccezzjoni ghal din ir-regola generali hija meta l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tas-sentenza impunjata kienu ***'flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to***

---

16 **Jacobs and White,** The European Convention on Human Rights, pg. 140.

17 Vide inter alia **Garcia Ruiz v. Spain**, ECHR 30544/96 (21 ta' Jannar 1998) par. 28; **Kemmache v. France,** ECHR 17621/91 (24 ta' Novembru 1994) par. 44; **Sisojeva and Others v. Latvia**, ECHR 60654/00 (15 ta' Jannar 2007) par. 89.

18 Décision Sur la Recevabilité de la requête n$^{o}$ 54111/07 présentée par Star Cate **– Epilekta Gevmata et autre contre la Grèce** (6 July 2010).

19 ECHR, Practical Guide on Admissibility Criteria (2014).

***a violation of the Convention.***'[20] Il-Qorti Kostituzzjonali ukoll irriteniet illi l-kompitu ta' din il-Qorti '...**huwa, fejn in-natura tal-każ hekk tirrikjedi, li tara jekk id-deċiżjoni kinitx "arbitrary or manifestly unreasonable."**'[21]

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra jekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kienetx **'arbitrary or manifestly unreasonable'** sabiex tara jekk huwiex illi kaz illi din il-Qorti tissindika l-apprezzament li sar mill-Qorti tal-Appell.

Illi l-Qorti tibda billi tirrileva li r-rikorrent naqas milli jindika u jispjega sufficjentement ir-raguni il-ghaliex id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tilledi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. L-intimati jeccepixxu f'paragrafu numru 4 tar-risposta taghhom ghar-rikors promotur illi

> *'(...) (i) li l-proceduri kollha nzammu u gew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (ii) li huwa kellu access miftuh ghall-qorti; (iii) li ma kienx hemm xi dewmien ingustifikat jew eccessiv waqt is-smigh tal-kawza meta wiehed iqis li l-kawza bl-apell kollox inqatghet f'hames snin; (iv) li s-smigh kollu gie kondott fil-prezenza tieghu; (v) li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kellu l-ebda vantagg procedurali fuq ir-rikorrent bi ksur tal-principju tal-equality of arms; (vi) li r-rikorrent nghata l-opportunitd kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel; (vii) li huwa kien meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri u (viii) li huwa gie moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazjoni tal-kaz tieghu;'*

Wara li fliet bir-reqqa l-atti processwali tal-proceduri impunjati, u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti taqbel mal-intimati illi l-ebda wahda mill-garanziji tas-smiegh xieraq elenakati fir-risposta taghhom ma jidhru li gew lezi. Partikolarment, minn qari tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Appell u s-sentenza impunjata, ma jidhirx illi l-Qorti naqset illi taghti l-piz xieraq lis-sottomissjonijiet tar-rikorrent, jew li tat piz zejjed lis-sottomissjonijiet tal-intimati b'mod illi jista' jinghad li r-rikorrent ma gawdiex ugwaljanza tal-armi fil-

20 **Sisojeva and Others v. Latvia**, ECHR 60654/00 (15 ta' Jannar 2007) par. 89.
21**Carmel Joseph Farrugia vs Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali, Appell Civili numru 35/2011 (5 April 2013) pg. 13.

proceduri impunjati. Ma jidhirx lanqas li l-Qorti tal-Appell ghamlet xi zball fil-fatt jew fid-dritt tant gravi li wassal sabiex is-sentenza tkun ***'arbitrary or manifestly unreasonable.'*** Anke li kieku stess il-Qorti tal-Appell ikkommetiet zball fl-interpretazzjoni tal-ligi li wassal ghall-lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta tieghu, (lanjanza li ser tigi kkunsidrata iktar il-quddiem), dan il-fatt wahdu ma jkunx awtomatikament ifisser illi r-rikorrent ma kellux smiegh xieraq.

Minn ezami tal-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Appell jidher illi huwa minnu illi r-rikorrent kien ilu xi tliet xhur ma jigbed flus mill-kont bankarju tieghu, u huwa minnu wkoll illi ftit xhur qabel ma gie arrestat kien sar depozitu ta' Lm1,000, il-provenjenza ta' liema ma gietx sufficjentement pruvata. Barra minn hekk, a kuntrarju ta' dak li qal ir-rikorrent in kontro-ezami fil-proceduri ta' prim'istanza, is-somma ta' Lm660 fi flus kontanti li nstabu fir-residenza tar-rikorrent, ma tidhirx li giet migbuda mill-kont bankarju tieghu, u ghalhekk il-provenjanza ta' din is-somma ukoll ma gietx sufficjentement pruvata mir-rikorrent.

Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent meta jargumenta l-proceduri ghar-rilaxx ta' assi kkonfiskati taht l-Artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta huma proceduri ta' natura kriminali u ghalhekk japplikaw ir-regoli procedurali tal-kamp penali. Huwa car li dawn il-proceduri huma ta' natura civili. L-ewwel nett, l-Artikolu 22C stess jipprovdi li l-proceduri ghandhom jigu intavolati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u hija konsegwenza naturali ta' din l-ghazla tal-Legislatur illi dawn it-tip kawzi jsegwu r-regoli procedurali tal-kawzi civili, gialdarba hija Qorti ta' gurisidizzjoni civili illi tiddisponi minnhom. Anke fir-rigward tal-provvediment li jirregolaw ir-rikors ghall-intavolar ta' azzjonijiet ghar-rilaxx ta' assi kkonfiskati, il-Legislatur ghazel illi jrendi applikabbli il-provvediment tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe korp tal-ligi ta' natura civili. Barra minn hekk, f'dawn il-proceduri ma tigix stabbilita il-htija o meno tar-rikorrent, u lanqas ma huwa possibili ghal Qorti li tinfliggi piena fuq ir-rikorrenti. Fil-fatt, il-posizzjoni kostanti tal-Qrati hija li l-proceduri ghar-rilaxx ta' assi kkonfiskati taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta huma ta' natura civili.[22] Konsegwentement din il-Qorti

22 Vide inter alia, **Ambrose Zammit vs Kummissarju tal-Pulizija**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, Citazzjoni numru 507/2007 (22 ta' April 2013); **Nazzarene Muscat vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Superjuri) Appell Civili numru 253/2009 (7 ta' Awissu 2013).

tqis illi r-rikorrent huwa zbaljat meta jsostni illi l-kwistjoni tal-provenjenza trid tigi deciza a bazi ta' principji appartenenti lill-isfera kriminali

Il-Qorti ma taqbilx ukoll mar-rikorrent meta jghid illi l-intimati kellhom l-oneru li jippruvaw l-provenjenza illecita tal-fondi in kwistjoni. Rigward l-attivita illecita infisha, kien hemm sentenza res gudikata kontra r-rikorrent, a bazi ta' liema kienet giet ordnata l-konfiska tal-assi tieghu. Din il-konfiska kienet skont il-ligi ghaliex, skont il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-provenjenza illecita tista' tkun kemm diretta kif ukoll indiretta. Filfatt, studju akkurat tal-provvediment relevanti tal-Kapitolu 101, juri li l-intimati fl-ebda stadju ma kellhom jipprovaw xi haga ohra ghajr il-htija tar-rikorrent ta' wiehed mir-reat msemmija fl-Artikolu 24A(1) waqt il-proceduri kriminali. Dan ghaliex, skont l-Artikolu 22(3A)(d):-

> *"Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja ikun xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1) il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –*
>
> *tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli* ***__kollha__*** *tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta."* [Enfazi tal-Qorti]

Ma jidhirx li dan l-Artikolu jistabilixxi xi oneru fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova, waqt il-proceduri kriminali, il-provenjenza illecita tal-assi tal-persuna misjuba hatja, izda jaghti lill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali is-setgha illi, fuq talba tal-prosekuzzjoni, jordna il-konfiska tal-assi kollha tal-akkuzat li jkun instab hati ta' xi wiehed mir-reati msemmija tal-Artikolu 24A(1).

Minn naha l-ohra, l-Artikolu 22C(1) jipprovdi illi:-

> *Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d) ta, il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata* ***<u>ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza</u>*** *(kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.* [Enfazi tal-Qorti]

Jidher ghalhekk minn dawn l-Artikoli, illi huwa fil-fatt ir-rikorrent li ghandu l-oneru li jipprova l-provenjenza lecita tal-fondi konfiskati favur il-Gvern. Din l-inverzjoni tal-provi hija element komuni f'numru ta' gurisdizzjonijiet fl-Unjoni Ewropeja illi jipprovdu ghal konfiska ta' assi minn provenjenza illecita bhala parti mill-esekuzzjoni tal-obbligi taghhom fil-glieda kontra l-kriminalita organizzata. Dan tant illi l-United Nations Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances (1988), li giet ratifikata mill-Istat Malti fi Frar tas-sena 1996, tipprovdi fl-Artikolu 5 par. 7 illi :-

> "*[e]ach Party may consider ensuring that the onus of proof be reversed regarding the lawful origin of alleged proceeds or other property liable to confiscation, to the extent that such action is consistent with the principles of its domestic law and with the nature of the judicial and other proceedings.*"

Ghalhekk huwa car illi l-inverzjoni tal-provi f'kawzi bhal dik in kwistjoni hija permissibbli u fil-kuntest tal-ligi domestika li fiha jopera, hija konsistenti mal-principji tal-ligi u n-natura tal-proceduri gudizzjarji. Dan ghaliex ir-rilaxx tal-assi konfiskati jintalab mill-individwu stess, permezz ta' proceduri ta' natura civili fejn huwa jsostni il-provenjenza lecita tal-assi li taghhom qed jitlob ir-rilaxx. Konsegwentement, in linja mal-principji tal-procedura civili, l-oneru tal-prova jinkombi fuq ir-rikorrent, peress illi min jallega irid igib prova a sodisfazzjon tal-Qorti illi dak li qed jallega huwa minnu.

Tenut kont ta' dan il-kollhu, il-Qorti tqis li r-rikorrent ma sofra l-ebda lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq peress illi ma giex pruvat illi s-sentenza impunjata kienet '*abitrary u manifestly unreasonable*'.

## Ikkonsidrat:

*L-allegazzjoni ta' lezjoni ta' rimedju effettiv*

Illi l-Artikolu 13 jiggarantixxi "*...the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief .*"[23]

L-obbligi tal-Istat ai termini tal-Artikolu 13 ivarjaw skont in-natura tal-ilment, pero, ir-rimedju rikjest mill-Artikolu 13 irid dejjem ikun effettiv, kemm fil-prattika kif ukoll fil-ligi.[24] L-effettivita tar-rimedju pero ma tiddependix fuq ic-certezza ta' sentenza favorevoli ghar-rikorrent.[25] Barra minn hekk, ir-rimedju jrid jkun kapaci li joffri '*appropriate relief*'.

Il-Qorti tqis li l-ebda wiehed minn dawn l-elementi ma gew miskura fil-kaz in ezami, u tqis illi:-

1. ir-rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu rimedju accessibli sabiex jipprova jikseb ir-rilaxx tal-assi kkonfiskati, rimedju illi hu fil-fatt utilizza;

2. ir-rimedju kien effettiv u kien kapaci jaghti *appropriate relief*, billi kien jikkonsisti fi proceduri gudizzjarji li setghu jirrevokaw l-ordni ta' konfiska moghti mill-Qorti Kriminali u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kieku r-rikorrent pprova sal-grad rikjest mill-ligi, l-provenjenza lecita tal-assi tieghu, tant illi huwa filfatt kiseb ir-rilaxx ta' xi oggetti tad-deheb u ta' diversi vetturi.

Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi r-rikorrent kellhu rimedju effettiv a disposizzjoni tieghu, liema rimedju huwa filfatt utilizza sal-grad tal-appell, u sahansitra kiseb ir-rilaxx ta' xi oggetti tad-deheb u vetturi li kienu wkoll gew soggetti ghal ordni ta' konfiska.

---

23 **Kudla v. Poland**, ECHR 30210/96 (26 ta' Ottubru 2000) par. 157.
24 **Ilhan v. Turkey**, ECHR 22277/93 (27 ta' Gunju 2000) par. 97.
25 Vide inter alia, **Silver and others v. the United Kingdom**, ECHR 5947/72, 6205/73, 7107/75, 7113/75, 7136/75 (25 March 1983) par. 113; **Chahal v. the United Kingdom**, ECHR 22414/93 (15 ta' Novembru 1996) par. 145.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-allegazzjoni ta' lezjoni ta' dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta.

Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li l-ebda proprjeta' ta' kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u lanqas jista' jigi miksub b'mod obbligatorju xi interess fi jew dritt fuq proprjeta'. Teħid obbligatorju ta' proprjeta' jew ta' interessi fiha jista' jsir biss fejn hemm dispożizzjoni ta' ligi applikabbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li tagħti jedd ta' access lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjeta' hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 37 ma japplikax f'għadd ta' cirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu, fosthom meta t-teħid obbligatorju jkun sar fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati, ai termini tal-Artikolu 37 (2) (b).

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku, bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu, irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat.[26]

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msejsin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-

26 **Mario Falzon vs Direttur Generali Dwana et**, Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, Rikors ghal Referenza Kostituzzjonali numru 37/2013 (23 ta' Ottubru 2014).

individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri, kif imiss, li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi.[27]

Dan l-Artikolu jirreferi għall-interess pubbliku jew generali, u mhux għas-skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jħoll u jorbot jekk għemil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali.[28] Il-kejl ghal tali interess pubbliku jew generali hu jekk f'għemil partikolari joħrogx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1'.*[29]

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tas-sid jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta għal dak l-indħil, u mhux semplici ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni.[30] Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna.[31]

Jinsab accettat fil-gurisprudenza illi,

> *"...s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'ligi jikkontrolla l-użu tal-gid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem jibqa' l- ħtiega li jintwera (mill-istess Stat) l-interess generali u l-bilanc xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita', imma l-għadd ta' kontrolli dwar l-użu li jistgħu jinħolqu jinfirex f'bosta oqsma."*[32]

**Kif jidher mill-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, wahda minn dawn l-oqsma fejn huwa permissibli ghall-Istat li jikkontrolla l-uzu tal-gid permezz ta' xi ligi huwa proprju fil-kamp penali.[33] L-istess Qorti irriteniet illi *"a confiscation***

27 *Ibid*
28 **Mousu' vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et**, Qorti Kostituzzjonali (6 ta' Ottubru 1999).
29 **Sporrong and Lonnroth v. Sweden**, ECHR 7151/75 (23 ta' Settembru 1982) par. 69.
30 **Cachia vs Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali (28 ta' Dicembru 2001).
31 **Francis Bezzina Wettinger vs Kummissarju tal-Artijiet**, Qorti Kostituzzjonali (10 ta' Ottubru 2003)
32 **Il-Pulizija vs Anthony Seychell**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rikors ghal Referenza Kostituzzjonali numru 44/2004 (5 ta' Mejju 2005)
33 Vide inter alia, **Allgemeine Gold-und Silberscheideanstalt vs U.K.**, ECHR 9118/80 (24 ta' Ottubru 1986) par. 49-51.

***measure, even though it does involve a deprivation of possessions, constitutes nevertheless control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1."*** [34]

Inoltre, kif spjegat mill-awturi **Van Dijk, van Hoof, Van Rijn u Zwaak**,

> ***"...as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation. ... Generally speaking, the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and excessive burden. ... As concerns the 'general interest' aim of the interference, the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgment be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the public interest ... Various factors may play a role in the proportionality test. The Court has, for example, on occasion referred to the fact that avenues of judicial review of the contested measures had been available to the applicant."*** [35]

Il-Qorti tara illi m'huwiex car jekk l-ilment tar-rikorrent huwiex rigward ir-raguni il-ghaliex il-legislatur dahhal fis-sehh l-artikoli relevanti tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-utilita tieghu fi stat demokratiku jew il-htiega tal-ghan li ghalih dawk id-disposizzjonijiet dahhlu fis-sehh. Dan peress illi r-rikorrent jsemmi l-vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu biss fir-rikors promotur, minghajr ebda spjegazzjoni, u ma jergax issemmieh aktar. Minn qari tar-rikors promotur, il-Qorti

---

34 **Riela et vs Italy**, ECHR 52439/99 (4 ta' Settembru 2001).

35**Van Dijk, van Hoof, Van Rijn and Zwaak**, *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (2006) pg 888 – 890.

tinkonkludi illi dawn it-tliet fatturi msemmija ma jidhrux li huma l-bazi tal-ilment tar-rikorrent, izda illi l-lanjanza tar-rikorrent hija bbazata fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi rriformat is-sentenza tal-Prim'Awla u kkonfermat il-konfiska tal-assi bankarji tar-rikorrent.

Illi m'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent instab hati permezz ta' sentenza res gudikata ta' kultivazzjoni u pussess aggravat ta' droga f'Gunju 2004 u fil-granet u xhur precedenti. Fil-proprjeta tar-rikorrent instabu mal-mitt (100) pjanta tal-cannabis, u kien a bazi ta' dan is-sejbien ta' htija illi giet ordnata il-konfiska tal-assi kollha tar-rikorrent.

Wara li fliet l-atti tal-kaz, inkluz l-atti tal-proceduri ghar-rilaxx tal-assi kkonfiskati li gew allegati mal-process tal-kawza de quo, din il-Qorti ma tqsix illi r-rikorrent garrab ksur ghat-tgwadija pacifika ta' hwejjgu.

Huwa minnu illi l-konfiska tal-assi ordnata mill-Qorti Kriminali, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija tassattiva u ma takkorda ebda poter diskrezzjonali lill-Qorti. Pero l-ligi nnifisha taghti rimedju ta’ stħarriġ u diskrezzjoni li jistgħu jwasslu biex, fi proċedura ta’ natura ċivili, il-konfiska tal-assi ordnata mill-Qorti ta' gursidizzjoni kriminali tigi revokata billi l-Qorti tordna rrilaxx ta’ dawk l-assi favur sidhom wara li jkun gab prova soddisfacjenti tal-provenjenza lecita tal-istess.

Il-ligi hija wkoll accessibbli u cara, b'mod li hemm certezza legali fir-rigward ta' dawk l-assi illi bil-ligi ghandhom jibqu' konfiskati favur il-Gvern ta' Malta. Fil-fatt il-ligi taghti lok ghall-konferma tal-konfiska mhux biss ta' dawk l-assi li ghandhom provenenjza illecita diretta, izda anke dawk li ghandhom **provenjenza illecita indiretta**. Il-posizzjoni tal-Qrati Malta kienet ukoll kostanti fis-sens illi meta persuna jirnexxila twarrab ammont sostanzjali mill-paga taghha ghaliex tkun qed tghix, anke jekk in parti, fuq il-gid li taghmel bi ksur tad-disposizzjonijet relattivi tal-Kap. 101, dawn is-savings gew meqjusa bhala fondi bi provenjenza illecita indiretta.[36] Ghalhekk il-posizzjoni legali tal-rikorrent kienet wahda prevedibbli ghaliex hemm, tenut kont tad-disposizzjonijiet tal-ligi u l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati, certezza legali rigward dawk l-assi li ghandhom jibqu' soggett ghal ordni ta' konfiska.

---

36 Vide inter alia **Ambrose Zammit vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Citazzjoni numru 504/2007 (22 ta' April 2013).

Illi finalment il-Qorti tqis illi l-ghan tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 101 huwa wkoll dak li joholqu deterrent għat-twettiq ta' reat. Kif gie rilevat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Mario Falzon vs Direttur Generali Dwana et**, citata supra,

> "[b]*iex deterrent ikun tabilħaqq effettiv, irid joqros fil-laħam il-ħaj u jwassal biex min ikun sejjer jagħmel xi ħaġa bi ksur tal-liġi jaħsibha darbtejn qabel ma jagħmilha, imqar jekk minħabba l-biżgħa ta' dak li jista' jġarrab jekk jinqabad. B'dan il-mod, id-deterrent jġorr minnu nnifsu element barra min-normal ...Madankollu, id-deterrent jiġi jgħodd biss jekk kemm-il darba xi ħadd jaħbat difru mal-liġi: kien ikun xort'oħra kieku s-sanzjoni tal-konfiska* [mahsuba fil-Kap. 101] *kienet tgħodd ukoll għal min ma jkunx kiser il-liġi. Iżda din is-sanzjoni tgħodd biss għal min jikser il-liġi (u l-prova ta' dan trid issir minn min jallega l-ksur ta' dik il-liġi) u min jikser illiġi qajla jista' jippretendi li jkun trattat bħallikieku l-liġi ma kisirhiex. Dan il-ħsieb jista' jintrabat mal-massima nemo ex turpitudo eius oritur jus."*

Illi tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti tqis illi r-rikorrent ma garrab ebda lezjoni tad-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika b'konsegwenza tas-sentenza lamentata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, tilqa l-eccezzjonijiet l-ohrajn kollha, u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**